

Brussell, 15 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10288/1/26
REV 1

ENV 689
CLIMA 313
AGRI 464
FORETS 90
ENER 378
TRANS 393
IND 396
SAN 458

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Strateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma - Sena wara: is-sitwazzjoni attwali u t-triq 'il quddiem - Skambju ta' fehmiet

Bil-ħsieb tal-Kunsill (Ambjent) tal-25 ta' Ġunju 2026, fl-Anness jinsab dokument ta' sfond mill-Presidenza b'mistoqsijiet lill-Ministri dwar is-suġġett.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden iqis in-nota ta' informazzjoni u l-mistoqsijiet u jibgħathom lill-Kunsill.

Strateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma - Sena wara: is-sitwazzjoni attwali u t-triq 'il quddiem**– Skambju ta' fehmiet –**

Fl-4 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat l-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma. L-istrateġija ntlaqgħet mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2025. L-istrateġija ssegwi tħassib dejjem akbar dwar l-iskarsezza tal-ilma, il-perjodi ta' nixfa, l-għargħar u l-impatti ġenerali tat-tibdil fil-klima fuq ir-riżorsi tal-ilma, l-ekosistemi u s-setturi ekonomiċi. Hija tibni fuq l-acquis eżistenti tal-UE dwar l-ilma, inkluż b'mod partikolari d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar l-Għargħar u d-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Mormi Urban, kif ukoll l-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima. Tallinja wkoll mal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-perkors tal-mira klimatika għall-2040 u tirrispondi għall-evidenza dejjem tikber li r-riskji relatati mal-ilma qed jintensifikaw madwar l-Unjoni. Ħafna reġjuni qed jesperjenzaw perjodi ta' nixfa aktar frekwenti u severa, livelli tal-ilma ta' taħt l-art li qed jonqsu u domanda għall-ilma li qed tiżdied mill-agrikoltura, l-industrija u ż-żoni urbani. Fl-istess ħin, l-eventi ta' preċipitazzjoni estrema u l-għargħar qed ipoġġu pressjoni dejjem akbar fuq l-infrastruttura u l-ekosistemi.

L-għan tal-istrateġija huwa li ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-ilma billi tirrestawra u tipproteġi ċ-ċiklu kollu tal-ilma, mis-sors sal-baħar, biex jirreżisti aħjar l-għargħar, in-nixfa, u l-iskarsezza tal-ilma permezz tal-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar l-ilma. Tippromwovi prattiki intelliġenti fl-użu tal-ilma, infrastruttura ekoloġika, u miżuri biex jitnaqqas it-tniġġis, inkluż sustanzi perikolużi bħall-PFAS fl-ilma tax-xorb. L-istrateġija tfittex ukoll li trawwem ekonomija intelliġenti fl-użu tal-ilma billi ttejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-ilma, timmira lejn tnaqqis ta' 10 % fil-konsum tal-ilma madwar l-UE sal-2030, filwaqt li timmodernizza l-infrastruttura, tnaqqas it-telf mit-tnixxijiet, u tħeġġeġ soluzzjonijiet diġitali permezz ta' investiment pubbliku u privat. Barra minn hekk, għandha l-għan li tiżgura l-aċċess għal ilma nadif u affordabbli billi tissensibilizza lill-pubbliku, tappoġġa pprezzar responsabbli tal-ilma, u tippromwovi l-edukazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, filwaqt li ssaħħaħ it-tmexxija globali tal-UE dwar ir-reżiljenza tal-ilma permezz ta' kooperazzjoni u sħubijiet internazzjonali.

Sena wara l-adozzjoni tal-istrateġija, il-Presidenza tipproponi li jittieħed kont tal-progress miksub u li jiġu diskussi azzjonijiet futuri, b'enfasi partikolari fuq it-tliet kwistjonijiet li ġejjin li għandhom jiġu indirizzati mill-Ministri:

1. Rendikont tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma u l-implimentazzjoni nazzjonali:

L-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma tinkludi fil-qalba tagħha impetu ġdid għall-isforzi tal-UE lejn il-promozzjoni tal-**effiċjenza fl-użu tal-ilma**. Tintroduċi mira ambizzjuża li ttejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-ilma b'10 % sal-2030 u tintroduċi l-prinċipju "l-Effiċjenza Idrika Tiġi l-Ewwel". Il-Prinċipju huwa spjegat aktar fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Ġunju 2025 dwar il-prinċipji gwida tal-effiċjenza idrika tiġi l-ewwel.¹

Skont Rapport tal-EEA/ETC tal-2025 dwar l-Iffrankar tal-Ilma² għal Ewropa reżiljenti għall-ilma, **il-potenzjal tal-iffrankar ivarja ħafna** bejn ir-reġjuni tal-UE u bejn is-setturi, iżda tnaqqis sinifikanti fl-estrazzjoni tal-ilma huwa fattibbli. Dan it-tnaqqis jista' jinkiseb permezz ta' miżuri tekniċi u operazzjonali biex jitnaqqsu t-telf u t-tnixxijiet kif ukoll tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-ilma fil-produzzjoni tal-elettriku, l-agrikoltura, il-provvista pubblika tal-ilma, u l-manifattura. L-istima tal-potenzjal għall-iffrankar tal-ilma għal kull settur fl-UE 27 tvarja bejn 45-95 % fl-enerġija (impjanti tal-enerġija għat-tkessiġ), 5 %-20 % fl-agrikoltura, 20 %-50 % fil-provvista pubblika tal-ilma u 30 %-50 % fl-industrija (ara t-tabella hawn taħt).

¹ https://environment.ec.europa.eu/publications/commission-recommendation-water-efficiency-first-guiding-principles_en.

² <https://www.eea.europa.eu/en/analysis/publications/water-savings-for-a-water-resilient-europe>.

Tabella 1. Stima tal-potenzjal għall-iffrankar tal-ilma għal kull settur fl-EU-27

	Elettriku — tkessiħ tal- impjanti tal- enerġija	Agrikoltura	Provvista pubblika tal- ilma, inkluż it-turiżmu u s-servizzi	Industrija	Oħrajn (eż. minjieri, barrieri u kostruzzjoni)
Medja annwali tal- estrazzjoni tal- ilma (2000-2022) (miljun m ³)	72,300	59,300	38,700	28,200	3,000
L-estrazzjoni annwali tal-ilma bħala perċentwal tat-total għas- setturi ekonomiċi	36 %	29 %	19 %	14 %	2 %
Potenzjal teoretiku ta' ffrankar tal- ilma fis-settur (% tal-estrazzjoni annwali tal-ilma tas-settur)	45-95 %	5-20 %	20-50 % (10-30 % fit- turiżmu)	30-50 %	Mhux ivvalutat f'din il-laqgħa

Sors: (Wolters et al., 2025) abbażi ta' data mill-EEA 2024.

Biex tappoġġa l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni u tikkontribwixxi għall-ambizzjoni li tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-ilma b'10 % sal-2030, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Grupp ta' Hídma tas-CIS dwar l-Iskarsezza tal-Ilma u n-Nixfa, qed taħdem fuq l-iżvilupp ta' **metodoloġija konġunta għall-miri tal-effiċjenza fl-użu tal-ilma**, filwaqt li tqis id-differenzi territorjali u differenzi oħra bejn il-pajjiżi, ir-reġjuni u s-setturi. L-iskeda ta' żmien ta' dan il-fluss ta' hídma tintemm fi **Q4 2026**. Bl-appoġġ ta' konsulent, il-Grupp immappja madwar 40 metodoloġija finizjattivi pubbliċi u privati biex jiġu stabbiliti miri relatati mal-ilma u issa, minn dawn il-metodoloġiji, qed jiddistilla ċerti elementi li flimkien jistgħu jiffurmaw il-bażi għal metodoloġija jew metodoloġiji Ewropej biex jiġu stabbiliti miri ta' effiċjenza fil-livell tal-ħżin tal-ilma, it-trasport tal-ilma u l-użu tal-ilma.

2. Diġitalizzazzjoni u ġestjoni aktar intelliġenti tal-ilma

L-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma ħabbret l-iżvilupp ta' **Pjan ta' Azzjoni għall-UE kollha dwar id-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-ilma**. Biex tappoġġa din l-inizjattiva, il-Kummissjoni dan l-aħħar nediet sejħa għal evidenza li tagħlaq fl-24 ta' Ġunju 2026³. L-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra ġew imħeġġa jipprovdu l-fehmiet u s-suġġerimenti tagħhom.

Il-Pjan ta' Azzjoni Diġitali għas-Settur tal-Ilma għandu l-għan li jegħleb il-frammentazzjoni fis-sistemi tal-ġestjoni tal-ilma tal-Ewropa billi jippromwovi integrazzjoni u koordinazzjoni diġitali akbar tul iċ-ċiklu tal-ilma u bejn il-livelli ta' governanza. Billi tippermetti kondiviżjoni aħjar tad-data u soluzzjonijiet diġitali, il-Pjan ifittex li jtejjeb l-effiċjenza, inaqas il-piż amministrattiv, isaħħaħ ir-reżiljenza għar-riskji relatati mal-ilma, u jappoġġa l-implimentazzjoni effettiva tal-Prinċipju l-Effiċjenza Idrika Tiġi l-Ewwel.

Il-pjan ta' Azzjoni li jmiss ser ikun immirat lejn sfidi speċifiċi tas-settur tal-ilma u ser jinkludi **żewġ pilastri ewlenin**: i) il-varar ta' soluzzjonijiet diġitali permezz tal-finanzjament u l-kondiviżjoni tal-għarfien biex jinbnew il-ħiliet diġitali u jitħeġġeġ it-trasferiment tat-teknoloġija fis-settur tal-ilma; u ii) l-appoġġ għall-kondiviżjoni tad-data dwar l-ilma billi jitrawwem l-iżvilupp ta' portali nazzjonali tad-data biex tingħeleb il-frammentazzjoni u biex id-data tkun tista' tinstab faċilment, tkun aċċessibbli mingħajr ħlas, tkun interoperabbli u tista' terġa' tintuża, f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar id-Data Miftuħa. Il-pjan huwa parti mill-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2026⁴. Jopera fl-intersezzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, filwaqt li jappoġġa direttament l-oġġettivi tal-Boxxa għall-Kompetittività⁵ billi jgħin biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tar-riżorsi f'diversi setturi.

³ [Commission seeks input on digital action plan for water sector - Environment](#).

⁴ https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/strategy-documents/commission-work-programme/commission-work-programme-2026_en.

⁵ https://commission.europa.eu/topics/competitiveness/competitiveness-compass_en.

Il-pjan **ser jibni fuq**: (i) l-istrateġija għall-applikazzjoni tal-IA⁶ u l-pjan għal kontinent tal-IA⁷, li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-użu tal-intelliġenza artifiċjali għall-manutenzjoni predittiva u l-monitoraġġ f'fin reali; u (ii) l-istrateġija tal-Unjoni tad-Data⁸, li tappoġġa l-kondiviżjoni tad-data dwar l-ilma billi jitrawwem l-iżvilupp ta' portali nazzjonali tad-data biex tingħeleb il-frammentazzjoni u biex id-data tkun tista' tinstab faċilment, tkun aċċessibbli mingħajr ħlas, tkun interoperabbli u tista' terġa' tintuża, f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar id-Data Miftuħa⁹.

3. Il-Mobilizzazzjoni tal-Finanzjament għall-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma:

Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE¹⁰ introduċa flessibbiltajiet akbar li jippermettu lill-Istati Membri jidderieġu mill-ġdid il-fondi tal-2021–2027 lejn prijoritajiet strateġiċi bir-reżiljenza tal-ilma tiġi enfazzzata bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin u jibbenefikaw minn pakkett bla preċedent ta' inċentivi. B'riżultat ta' dan, **ġew riallokati €3.1 biljun f'16-il Stat Membru**, bil-maġġoranza tal-appoġġ iddedikat għall-bini jew it-titjib tal-infrastruttura **tal-ilma mormi u tal-ilma tax-xorb**, u **għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-ilma u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi**. L-investimenti ppjanati jinkludu wkoll l-iżvilupp ta' sistemi **ġodda ta' ħżin** u **interkonnessjonijiet** bejn is-sistemi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ekosistemi akkwatiċi u **r-restawr** ta' żoni ta' valur ambjentali għoli. Jinkludu wkoll **sistemi ta' twissija bikrija għall-prevenzjoni tal-għargħar** kif ukoll **effiċjenza** mtejba fil-provvista tal-ilma **permezz tad-diġitalizzazzjoni**, l-awtomatizzazzjoni u l-ottimizzazzjoni.

Il-Programm tal-Ilma tal-BEI ta' 15-il biljun ukoll miexi tajjeb u l-Faċilità Konsultattiva **dwar il-Ġestjoni Sostenibbli tal-Ilma** mħabbra bħala punt uniku ta' servizz għall-konsulenza tal-BEI dwar l-ilma hija kompletament stabbilita u tista' tappoġġa l-bini tal-kapaċità u t-twettiq ta' sensiela ta' proġetti.

⁶ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/apply-ai>.

⁷ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/library/ai-continent-action-plan>.

⁸ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/data-union>.

⁹ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:32019L1024>.

¹⁰ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/qanda_26_710.

Filwaqt li tirrikonoxxi l-kontribut importanti tal-finanzjament privat għall-Aġenda dwar ir-Reżiljenza tal-Ilma, il-Kummissjoni qed taħdem fuq il-varar ta' **Aċċelleratur tal-Investment fir-Reżiljenza tal-Ilma** biex timplimenta 20 każ pilota innovattiv għaż-żamma naturali tal-ilma u l-effiċjenza idrika, li jlaqqgħu flimkien l-investituri lokali fil-qasam tal-ilma, il-fornituri ta' soluzzjonijiet u dawk li qed iħabbtu wiċċhom ma' problemi biex jispiraw azzjonijiet simili madwar l-UE kollha.

Mistoqsijiet lill-Ministri

Il-Presidenza tistieden lill-Ministri jirriflett fuq il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Sena wara l-adozzjoni tal-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma, xi progress inkiseb u x'inhuma l-isfidi fil-livell nazzjonali fir-rigward tal-promozzjoni tal-effiċjenza fl-użu tal-ilma? X'taġhlimet jistgħu jittieħdu biex tiġi appoġġata implimentazzjoni aktar effettiva tal-istrateġija fis-snin li ġejjin?
2. Xi prattiki u esperjenzi tajbin jistgħu jikkondividu l-Istati Membri, u x'appoġġ fil-livell tal-UE tistenna mill-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diġitalizzazzjoni li jmiss għas-settur tal-ilma biex jiġi aċċellerat l-użu ta' soluzzjonijiet bħall-kejl intelliġenti tal-ilma, it-telerilevament, jew it-tewmin diġitali biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma?
3. Kif nistgħu nisfruttaw investiment privat akbar u nużaw aħjar l-istrumenti ta' finanzjament innovattivi biex naċċelleraw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma, filwaqt li niżguraw li l-Istati Membri jkollhom il-kundizzjonijiet u l-inċentivi meħtieġa biex jiżviluppaw proġetti ambizzjużi ta' reżiljenza tal-ilma?